**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 61 – IT-TNEJN 24 TA' JANNAR 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru sittin (60) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-11 ta' Jannar u l- 24 ta' Jannar 2011.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0094/11. L-Enemalta talbu pjanta ta' fejn il-Kunsill jixtieq jispostja u jżid bozoz oħrajn ġodda fi Pjazza Ninu Cremona u Triq San Mikiel.

2.3 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0110/11 u x'ġara bil-Fire Extinguishers. Is-Segretarju qallu li qed isir 'servicing' fuqhom u minflok għandna tnejn 'stand-by' mingħand John Pace Fire Prevention.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il-11 ta' Jannar u l-24 ta' Jannar 2011, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru.5137711 ( Triq Frederick Borg L024); 137769 ( Triq il-Gharghur L116) 137871 (Triq Guże` Ellul Mercer W073) 138036 (Triq it-Timu L122 u L 123) ġew irrapurtati minnufih.

3.3 Rigward talba Nru. 14/01/2011-1 biex issir 'sleeping-policeman' fi Triq il-Gharghur qabel ma toħroġ għal Triq Tal-Balal; Il-Kunsill sejjer jikteb lit-Trasport Malta għaliex din taqa' taħt r-responsabilta' tagħhom.

3.4 Rigward talba Nru. 19/01/2001-1 biex issir 'sleeping-policeman' fi Triq San Mikiel qabel il-liwja; meta l-Kunsill Lokali applika ma' l-Awtorita' biex issir, din ġiet rifjutata għaliex qalu li ma tistax issir hemmhekk.

3.5 Rigward ilment Nru. 19/01/2011 – 2 li fi Triq San Mikiel man-naħa tat-tabelli tal-ħinijiet qed jipparkjaw karozzi li m'humiex residenti. Il-Kunsill sejjer jinforma lill-Authorized Officer biex jintbgħat il-Warden ħalli jagħmlu spezzjoni.

3.6 Rigward ilment Nru. 19/01/2011-3 li fi Triq San Mikiel hemm ħofra kbira qabel il-liwja. Il-Kunsill taha ordni biex din issir minnufih.

3.7 Rigward ilment Nru. 24/01/2011-1 dwar l-ispuction mkissra li hemm quddiem l-Orienta fi Triq Naxxar. Il-Kunsill diġa kiteb lis-sid tal-ħanut dwar dan għaliex din mhux l-ewwel darba li saret ħsara fuq il-kaptelli. Ukoll żamm id-drtt li jieħu passi ulterjuri jekk din ma' ssirx.

3.8 Rigward talba Nru. 24/01/2011-2 li quddiem Josies reġgħet sfrundat it-tappiera tad-drenaġġ. Il-Kunsill diġa ħa passi minnufih u informa lid-Drainage section.

4. **ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Ronnie Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

5. **MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.**

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 04595/10. 9, Graziella, Trejqet ir-Rumanzieri. Tiġdid tal-permess PA 4325/05 biex jinbena it-tieni sular. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar PA 05963/09. Claudette, 151, Triq Ċensu Busuttil. Biex jinbena 'duplex' flat fuq l-ewwel sular, u biex isiru alterazzjonijiet fl-appartament eżistenti. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi appprovata.

5.4 Dwar PA 00737/10. 5, 7, Triq Ċensu Bugeja**.** Proposta biex tiġi nstallata 'sign' tixgħel fuq il-faċċata tax-'showroom'. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.5 Dwar PA 00952/10. Mandolina, Triq il-Wied. Biex jiżdied il-bini fuq il-'bungalow eżistenti billi jinbnew żewġ kmamar fuq wara u biex tiġi approvata l-pool. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

6. **BUDGET 2011.**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ressaq id-Draft Budget għas-sena kurrenti wara li dan kien diġa ġie diskuss fil-laqgħa ta' qabel.

6.2 Hu beda biex spjega d-dħul għal din is-sena u l-Infiq ta' matul is-sena kurrenti

6.3 Wara li staqsa lill-Kunsillier jekk riedux jagħmlu xi intervent fuq il-Budget, dan għadda għall-approvazzjoni. Il-Budget għas-sena 2011 ġie approvat unanimament.

## 7. ATTIVITAJIET.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar l-attivitajiet li sejrin isiru fil-bidu ta' din is-sena.

1. Sejra ssir 'fiera' bit-tema 'Energy Week' li fiha jipparteċipaw Inġinjiera mill-lokal, ħwienet mill-lokal li jistgħu joffru skont fuq il-prodotti tagħhom " Energy –Saving"; isiru riklami; din l-attivita' tista' ssir fil-miftuħ u qed jiġi propost id-19 ta' Marzu.
2. Qed jiġi previst li din is-sena l-Karnival isir ma' l-Iscouts u n-Nursery tal-Lokal. Il-Kunsill sejjer jieħu ħsieb jikri s-Sala tal-Knisja ta' Hal-Lija, it-trasport, id-drinks, l-Entertainer u l-Mużika. Iż-żewġ għaqdiet jistgħu jitolbu dħul minimu ta' €1 biex jgħin fl-organizzazzjoni tagħhom. Id-data ġiet iffissata għas-7 ta' Marzu .
3. Sejjer isir il-'Weekend Break' bħas-soltu f'lukanda għall-anzjani u din isir f'nofs ix-xahar ta' Marzu.

## 8. MANUTENZJONI FIL-LOKAL.

8.1 Is-Sur Dalli qal li din is-sena sejrin nibdew bil-bankina ta' Triq Dun Karm Service Road minn Triq Ċensu Busuttil sal-bidu ta' Triq Naxxar.

8.2 Is-Sur Anthony Dalli qal ukoll li qed isir manutenzjoni fuq il-ħofor li hawn madwar l-Iklin.

8.3 Għandu jsir manteniment ukoll fuq it-tabelli speċjalment dawk tar-Residents Parking fejn diġa saret ordni għalihom.

## 9. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

9.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet dwar x'ġara fuq it-Traffic Management Survey li kellu jsir wara s-sajf man-naħa ta' Triq Alfons Maria Galea u Triq Ġużè` Pesċi.

9.2 Is-Sur Dalli qal li l-kunċett ta' dan kien biex jitnaqqas il-volum tat-traffiku fil-ħinijiet kruċjali tal-ġurnata miċ-ċentru tal-Iklin. Iżda qal ukoll li ma' rridux li ssir ħsara lin-negozji ż-żgħar ta' madwarna li jiddependu ħafna fuq 'il-passing –trade'. Għaldaqstant għadu qed isir studju fuq dan.

9.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit qalet li allura minħabba xi negozji fl-Iklin għandna ma' nagħmlux din il-bidla.

9.4 Is-Sindku wieġeb li jrid isir bilanċ bejn ir-residenti u n-negozji għax dawn iridu wkoll jaqilgħu l-għejxien tagħhom.

**10. AĠĠORNAMENT**

10.1 L-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm .
Qabel ma' spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

10.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |